# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tmintax (18) ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru 11/16 FDP**

**Francis Cassar**
**(ID 515465M)**

**vs**

**Joseph Spiteri**
**(ID 211838)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil-21 ta' Jannar 2016 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' elf u sitt mitt Euro (€1,600) rappresentanti l-bilanc minn somma akbar dovuta skond zewgt skritturi, liema bilanc baqa' qatt ma thallas minnu minkejja illi kien interpellat jaghmel hekk.

Rat id-dokumentazzjoni ppresentata mir-rikorrenti, ossija zewgt skritturi ta' slef bla data a fol 4 u fol 5.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentati fit-18 ta' Frar 2016 fejn laqa' ghal dak mitlub billi sahaq is-segwenti:

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, filwaqt li saru hlasijiet ferm iktar minn dak misluf fis-somma ta' tlett elef u mitt Euro (€3,100), u miftiehem, b'hekk l-esponent hallas iktar milli suppost.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost stante li l-attur, bhala konsegwenza, abizza b'mod illegali u kriminali, hu fil-prezentghaddej proceduri kriminali bl-akkuza ta' uzura.

Rat l-affidavit ta' **Francis Cassar** ippresentat fit-28 ta' April 2016 (fol 17) u rat id-dokument mieghu anness, ossija lista ta' pagamenti illi saru mill-intimat lir-rikorrent (fol 20).

Semghet ix-xhieda ta' **Consiglio Abela**, prodott mir-rikorrent u moghtija fis-16 ta' Gunju 2016.

Rat illi fis-16 ta' Gunju 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Francis Cassar** illi saret fil-21 ta' Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Joseph Spiteri** moghtija fis-6 ta' Frar 2017 u rat id-dokument minnu esebit, ossija prospett tal-flus kollha illi ghaddhielu r-rikorrent u l-pagamenti kollha illi l-intimat kien ghamel (fol 58).

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ispettur AnnaMaria Xuereb**, stazzjonata l-Economic Crimes Unit, prodott mill-intimat u moghtija fit-12 ta' Ottubru 2017.

Rat illi fit-12 ta' Ottubru 2017 l-intimat talab illi jigu annessi l-atti tal-kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar Nru 329/15 bejn l-istess partijiet meritu tal-kawza odjerna u dwar l-istess meritu, liema process gie anness fl-20 ta' Novembru 2017.

Rat ix-xhieda moghtija fil-process 329/15 u d-dokumentazzjoni hemm annessa, partikolarment l-istqarrija illi l-intimat kien ta lill-Ispettur Jonathan Ferris, li kien qieghed jinvestiga rapport dwar ir-rikorrent (Process 329/15 fol 23) u dokument ta' rendikont redatt minn Joseph Spiteri u minnu esebit (Process 329/15 fol 30).

Rat illi fit-28 ta' Ottubru 2015 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ddikjara ruhu mhux kompetenti sabiex jisma l-kaz quddiemu. (Process 329/15 fol 32)

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ispettur Matthew Vella**, stazzjonat l-Economic Crimes Unit, prodott mill-intimat u moghtija fis-7 ta' Dicembru 2017 u ra id-dokument minnu esebita, ossija kopja ta' akkuzi kriminali mahruga kontra ir-rikorrent. (fol 86)

Semghet il-kontro ezami ta' **Consiglio Abela** illi saret fil-15 ta' Marzu 2018.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' **Joseph Spiteri** u rat id-dokumentazzjoni minn esebita, ossija rendikont iehor ta' pagamenti illi kien ghamel u flejjes illi kienu inghaddewlu.

Rat illi fid-9 ta' April 2018 l-intimat ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, moghtija fil-21 ta' Mejju 2018, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent Francis Cassar, maghruf ukoll bhala '*il-Poodle*', illi jahdem bhala sewwieq ta' xarabank u ta' taxi, kif ukoll bhala bennej, jikkontedi illi fil-15 ta' Gunju 2013 huwa sellef lill-intimat Joseph Spiteri, maghruf ukoll bhala '*il-Palazzi*', ammont ta' flus kontanti fl-import totali ta' €3,000.

Jirrizulta illi dana sar fil-garage ta' habib komun taghhom, Consiglio Abela, u l-intimat, dak il-hin stess, rrediga skrittura illi ma ggib ebda data illi fiha l-intimat jikkonferma is-segwenti: "*Ghandi naghti s-somma ta' 3000 Euro li jithallsu 200 fix-xahar jibdew fl-ahhar ta' Lulju*" (fol 4)

Dina l-iskrittura bla data giet iffirmata miz-zewgt partijiet.

Jirrizulta, dejjem skond ir-rikorrent Francis Cassar izda kkonfermat mill-habib komuni taghhom Consiglio Abela, illi ftit gimghat wara, l-intimat Joseph Spiteri reggha kellu bzonn €3,000 ohra, u ghalhekk, din id-darba, iltaqghu gewwa karozza u r-rikorrent ghadda tlett elef Euro ohra, fi flus kontanti, lill intimat, u dana dejjem fil-presenza tal-habib komuni taghhom Consiglio Abela.

Jirrizulta illi, dina d-darba, r-rikorrent gab karta mieghu gia lesta dattilografata u, wara illi persuna ohra, li l-ebda mill-partijiet ma ried jindika, kiteb is-segwenti: "*Illum jien Joe Spiteri ID 211838M hat somma ta' 2000 euro min ghand France Cassar u l-pagament irit jithalas 200€ fix-xahar ammont Total 6000 euro u l-pagament flimkien jamontaw al 440€ fix xahar*", ir-rikorrent ghadda €3,000 fi flus kontanti lill-intimat u l-partijiet ffirmaw il-karta.

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi minn dana l-ammont huwa fadallu jhallsu l-ammont ta' €1,600, u ta' dan huwa esebixxa rendikont illi ghamel l-istess rikorrent fejn jidhru l-varji pagamenti illi saru mill 15 ta' Lulju 2013 sal 15 ta' Gunju 2015, fejn hemm indikati bhala "PEYT" il-pagamenti kollha illi hallas l-intimat.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimat Joseph Spiteri, maghruf bhala '*il-Palazzi*', illi kien jahdem go dipartiment tal-Gvern izda llum pensjonant, jikkontendi illi originalment, huwa ried jissellef minghand Francis Cassar, illi Consiglio Abela kien qallu illi jsellef il-flus, l-ammont ta' €2,000.

Jirrizulta illi, skond l-intimat, Francis Cassar, maghruf bhala '*il-Poodle*', kien lest illi jsellfu l-ammont ta' €2,000 b'dan illi jitnizzel li sellfu €3,000 w il-pagamenti ikunu ta' €200 fix-xahar.

Jirrizulta illi, sussegwentement, dejjem skond l-intimat, huwa kellu bzonn ammont iehor ta' €1,500 u ghalhekk reggha staqsa lir-rikorrent ghalihom li, min-naha tieghu, skond l-intimat, kien lest illi jghaddilu dawna l-flus bil-kundizzjoni illi jitnizzel li kien qed isellfu €3,000 u jitnizzel illi issa kellu jibda jhallsu €400 fix-xahar.

Jirrizulta illi l-intimat jikkontendi illi, fit-tieni darba, ghalkemm ghaddhielu €1,500 fi flus kontanti, huwa zamm minnhom €400 bhala pagament b'lura illi kellu jsir.

Jirrizulta illi l-intimat jikkontendi, ghalhekk, illi ghalkemm kien hemm miktub illi huwa ssellef zewgt ammonti ta' €3,000 fi zewgt skritturi minnu ffirmati li jaghmlu total ta' €6,000, filfatt jirrizulta illi r-rikorrent kien attwalment sellfu biss 3,100 u l-kumplament, skond l-intimat, kien imghax.

Jirrizulta ukoll illi, dejjem skond l-intimat, huwa ghadda lir-rikorrent is-somma ta' €5,100, kif jidher fid-dokument minnu redatt a fol 58 tal-process, u gia esebit in original fil-kawza 329/15 quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u f'dokument iehor minnu redatt a fol 115 tal-process.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-kaz odjern jirrigwarda self ta' flus kontanti mir-rikorrent Francis Cassar, maghruf bhala '*Il-Poodle*', lill Joseph Spiteri, maghruf bhala '*Il-Palazzi*".

Jirrizulta illi r-rikorrent jallega illi ghadda lill intimat permezz ta' zewgt pagamenti ta' €3,000 kull darba, fejn, skond ir-rikorrent, l-intimat hallas 4,400 u kien fadallu jhallas €1,600.

Jirrizulta illi, mill-banda l-ohra, illi l-intimat jikkontendi illi attwalment huwa kien talbu self ta' €2,000 u €1,500 f'zewgt okkazzjonijet separati, izda l-intimat kien ghaddielu biss fi flus kontanti l-ammont ta' €3,100 filwaqt illi l-kumplament illi kien qieghed jintalab kien kollu imghax.

Jirrizulta wkoll illi l-intimat jikkontendi illi huwa gia hallsu ammont akbar ta' flus minn dak indikat mir-rikorrent, u inizjalment, permezz ta' dokument ippresentat a fol 58, jikkontendi illi kien hallsu €5,100 u ghalhekk kien fadallu jaghtih €900, filwaqt illi sussegwentement, jikkontendi illi kien attwalment hallsu €5,200, u dana permezz ta' dokument ippresentat a fol 115 tal-process, u ghalhekk kien fadallu jaghtih €800.

Jirrizulta wkoll illi meta l-intimat kien ta' stqarrija lill Ispettur Jonathan Ferris, liema spettur kien qed jinvestiga rapport li r-rikorrent kien qed isellef il-flus bl-uzura, liema stqarria saret fit-18 ta' Lulju 2014 u tinsab fil-procezz 329/15 fl-istess ismijiet u li gie anness mal-process odjern, l-intimat stqarr illi kien ghad fadallu jaghtih €1,000. (fol 23-24)

Jirrizulta illi, fiz-zewgt okkazzjonijiet, il-partijiet iffirmaw skrittura, l-ewwel darba redatta mill-intimat stess, u t-tieni darba redatta minn persuna illi hadd ma jaf min hu, u z-zewgt skritturi huma bla data.

Jirrizulta, madanakollu, illi fiz-zewgt okkazzjonijiet, fil-presenza taz-zewgt partijiet kien hemm Consiglio Abela, illi kien habib komuni taghhom u li kien xhud tal-fatt illi, fiz-zewgt okkazzjonijiet, l-intimat inghata flus kontanti fl-ammont ta' €3,000 kull darba, total ta' €6,000.

Jirrizulta wkoll illi, dejjem skond ix-xhud Consiglio Abela, illi huwa habib taz-zewgt partijiet, mument minnhom l-intimat avvicinah u talbu jintervjeni biex jara jekk r-rikorrent kien lest illi jircievi €800 ghas-saldu ta' dak illi kien fadallu jhallsu.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, ma tistax ma tosservax illi hija tinsab rinfaccjata b'dokumentazzjoni redatta mill-partijiet fl-aktar mod ambigwu u dilettantesk u dokumentazzjoni illi bl-ebda mod ma tali dokumentazzjoni tista titfa certezza dwar il-fatti tal-kaz.

Jirrizulta, madanakollu, illi fil-Qorti xehed xhud okulari, ossija Consiglio Abela, illi fix-xhieda tieghu, kemm in ezami kif ukoll in kontro ezami, kif ukoll fix-xhieda tieghu illi huwa kien ta' quddiem it-Tribunal ghal-Talbiet Zghar (fol 11-12) kien konsistenti fejn qal illi huwa ra lir-rikorrent jghaddi darbtejn l-ammont ta' €3,000 u ra lill-intimat, fiz-zewgt okkazzjonjiet, jghodd l-ammont ta' €3,000 fi flus kontanti kull darba.

Jirrizulta, ghalhekk, illi rinfaccjata bix-xhieda ta' dana ix-xhud okulari, illi z-zewgt partijiet jikkonfermaw illi huwa habib taghhom u li ghadu habib taghhom, il-Qorti ma jista jkollha ebda

dubju illi attwalment l-ammont ta' €6,000 fi flus kontanti inghaddew lill-intimat mir-rikorrent fi zewgt istanzi differenti.

**Ikkunsidrat**

Stabbilit il-fatt illi lill-intimat inghaddewlu zewgt pagamenti fi flus kontanti ta' €3,000 'l wiehed, fl-import totali ta' €6,000, issa irid jigi stabbilit kemm attwalment hallas l-intimat.

Jirrizulta illi r-rikorrent ippresenta dokument rudimentali minnu redatt u minghajr ebda firem fejn immarka bhala 'PEYT' kull meta allegatament l-intimat hallsu l-flus. Tali dokument, ppresentat mir-rikorrent a fol 20, madanakollu, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrent, jidher illi gie redatt u mimli in intjier f'darba wahda biss, u mhux fuq medda ta' tnax-il xahar, kif donnu jaghti x'jifhem ir-rikorrent. Jirrizulta ukolll illi tali dokument fih inkonsistenza gravi fih, u dana peress illi jindika illi fil-15 ta' Mejju 2015 u fil-15 ta' Gunju 2015 l-intimat ghamel pagamenti ta' €400 kull darba, meta attwalment, fid-29 ta' April 2015, ir-rikorrent kien gia nieda l-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Tabliet Zghar ghall-istess ammont illi qieghed jitlob permezz tal-proceduri odjerni.

Tali inkonsistenza gravi ma tistax hlief titfa dubju serju dwar il-veracita' ta' dana id-dokument esebit mir-rikorrent.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimat, fil-proceduri quddiem it-Tribunal u, eventwalment quddiem dina l-Qorti, ippresenta dokument minnu redatt minghand ebda firem a fol 58 tal-process fejn huwa jindika illi huwa hallas l-ammont ta' €5,100.

Jirrizulta illi, kieku l-intimat ppresenta tali dokument wahdu, dana seta jitqies bhala dokument veritjer, madanakollu, fil-15 ta' Marzu 2018, l-intimat ghazel illi jerggha jippresenta dokument iehor, minnu redatt ghal darba ohra, fejn jikkontenti, din id-darba, illi huwa hallas l-ammont ta' €5,200.

Jirrizulta, di fatti, illi fejn fid-dokument originalment ippresentat quddiem it-Tribunal, huwa kien indika illi f'Gunju 2014 huwa hallas €300, fid-dokument illi huwa reggha rrediga u ppresenta quddiem dina l-Qorti fil-15 ta' Marzu 2018, huwa indika illi f'Gunju 2014 huwa hallas €400.

Tali inkonsistenza ma tistax ma twassalx lill Qorti biex ma tiddubitax serjament dwar dak illi qieghed jghid l-intimat, u ghalhekk tali dokumentazzjoni ma jistghux jitqiesu bhala dokument veritjer u affidabbli.

Tenut kont ta' tali inkonsistenzi kbar fid-dokumentazzjoni pprovduta miz-zewgt partijiet, il-Qorti tqis illi huwa aktar vicin tal-veritjer dak illi qal l-intimat lill-Ispettur tal-Pulizija Jonathan Ferris, fejn l-intimat kien ammetta illi kien ghad fadallu jhallas l-ammont ta' €1,000, ghalkemm fl-istess stqarrija jikkontendi illi dawna huma kollha imghax.

Il-Qorti tosserva illi, la darba gie kkonfermat mix-xhud Consiglio Abela bil-gurament diversi drabi illi r-rikorrent ghadda l-ammont ta' €6,000 fi flus kontanti lill-intimat, u dana fil-presenza tieghu, allura l-allegazzjoni li l-flejjes mitluba kienu attwalment jinkludu uzura ma tirrizultax ippruvata.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** t-talba attrici limitatament kif gej, u dana billi

**Tiddikjara** lill intimat Joseph Spiteri huwa debitur tar-rikorrent Francis Cassar fl-ammont ta' elf Euro (€1,000) u ghalhekk

**Tikkundanna** lill intimat Joseph Spiteri ihallas lir-rikorrent Francis Cassar is-somma ta' **elf Euro (€1,000)** ghas-saldu ta' kull pretensjoni illi jista jkollu r-rikorrent dwar flejjes imsemmija fl-avviz u mislufa mill-istess rikorrent lill-intimat

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mid-data tas-sentena sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur